MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 11/2003/1

**Salvatore Grech**
**Vs**
**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat minn Salvatore Grech fl-24 ta' April 2003 li permezz tieghu ppremetta u talab hekk:

Jien, l-esponent, qieghed akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kawza Il-Pulizija (Spettur Paul Camilleri) vs Salvatore Grech, kaz numru 745/2001, liema kawza hija differita ghad-9 ta' Mejju 2003 quddiem il-Magistrat Jacqueline Padovani Grima.

Illi f'din il-kawza, l-Imhallef Dr Gino Camilleri bhala xhud tal-Prosekuzzjoni dam sitt xhur ma ingieb biex jixhed fil-kawza mill-Prosekuzzjoni, ghalkemm l-ingunzjoni giet

notifikata lilu fid-9 ta' Jannar 2002, u ghal dan id-dewmien ma ttiehdu l-ebda provvedimenti mill-istess Qorti.

Illi dan jikkostitwixxi nuqqas ta' smiegh xieraq u imparzjali fi zmien ragonevoli da parti ta' l-istess Qorti bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 (3) (d) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319).

Dan l-abbuz sar diversi drabi fl-imghoddi mill amministrazzjoni ta' din l-istituzzjoni, mill-bord presedut minn l'Imhallef Dr Gino Camilleri, mill-Qorti tal-Appell presedut minn Prim Inhallef Dr Said Pullicino, Imhallef Dr Manche, Imhallef Dr Filletti u ohrajn.

Ghalhekk jien, l-esponent, nitlob lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ivvjolat id-dritt tieghi ghal smiegh xieraq kontemplat fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjonali ta' Malta, u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u taghti lili kull rimedju billi taghmel dawk l-ordinijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa ghal dak il-ksur.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li biha eccepixxa:

Illi preliminarjament l-esponent Avukat Generali mhux legittimu kontradittur in kwantu l-esponent mhux qed immexxi l-prosekuzzjoni fil-proceduri citati mir-rikorrent.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors promotur huwa frivolu u vessatorju billi ma kienx hemmx dewmien irragonevoli biex inghatat ix-xhieda ta' l-onor. Imhallef Gino Camilleri kif jista' jigi pruvat fil-kors ta' din il-kawza.

Illi ghalhekk il-pretenzjonijiet kollha tar-rikorrent kif ukoll l-addebiti tieghu huma guridikament insostenibbli u fattwalment skorretti.

Ghaldaqstant din l-onorabbli Qorti ghandha fl-ewwel lok tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-esponent u

subordinatament u bla pregudizzju tiddikjara fil-mertu r-rikors promotur frivolu u vessatorju. Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrent jinsab ghaddej proceduri kriminali quddim il-Qorti tal-Magistrati [Malta] fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Salvatore Grech” [numru 745/2001].

Fl-ewwel lok jigi osservat li fil-kawza kriminali, stante li l-proceduri gew inizjati quddiem qorti stuttorja u ghalhekk kienu ta’ natura kumpilatorja, ma jistax jinghad li l-Avukat Generali ma kellux locus standi u li ghalhekk mhuwiex il-legittimu kontradittur.

Illi l-ilment specifiku tal-intimat f’ din il-kawza huwa li l-Onorevoli Imhallef Gino Camilleri “dam sitt xhur ma jingieb jixhed fil-kawza mill-Prosekuzzjoni, ghalkemm l-ingunzjoni giet notifikata lilu fid-9 ta’ Jannar 2002, u ghal dan id-dewmien ma ttiehdu l-ebda provvediment”. Skond ir-rikorrent dan jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu sanciti bl-Artikolu 39[1] tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u tal-Artikolu 6 [3][d] tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [Kap.319].

L-ewwel artikolu jiddisponi li kull min ikun akkuzat b’ reat kriminali huwa ghandu jigi moghti “smigh xieraq gheluq zmien ragjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa bil-ligi.” L-Art.6 [3][d] jelenka fost id-drittijiet minimi li ghandha persuna akkuzata b’ reat kriminali, id-dritt li “ jezamina jew li jara li jigu ezaminati xhieda kontra tieghu u li jottjeni l-attendenza u l-ezami ta’ xhieda favur tieghu that l-istess kundizzjonijiet bhax-xhieda kontra tieghu”.

Illi mill-atti processwali jirrizulta l-iter segwenti fil-proceduri kriminali:

Fis-7 ta’ Dicembru 2001 ir-rikorrent tressaq that arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti Struttorja, u f’

dik is-seduta, permezz tal-Avukat tal-Ghajnuna Legali Dr.Martin Fenech, talab u ottjena l-helsien mill-arrest preventiv, kif ukoll talab li jigi “mqabbad tabib psikjatra sabiex jezamina l-istat mentali tal-imputat [Salvatore Grech]”.

Illi fl-udjenzi tal-20 ta’ Dicembru 2001 u tad-9 ta’ Jannar 2002 il-Qorti tal-Magistrati semghet b’ kollox seba’sitt [6] xhieda u gie wkoll prezentat il-process verbal relattiv ghal-kaz.

Illi fl-udjenza tas-7 ta’ Frar 2002 ma sar xejn peress li l-Avukat Dr.Joseph Zammit Mckeon li kellu jixhed dak in-nhar ma deherx[1]; izda dana xehed fis-seduta sussegwenti tad-9 ta’ April 2002.

Illi fl-udjenza tal-4 ta’ Marzu 2002 ma sar xejn peress li d-difensur ta’ Salvatore Grech talab differiment.

Illi fl-udjenza tal-14 ta’ Mejju 2002 li fiha kellu jixhed l-Onorevli Imhallef Gino Camilleri gie registrat dan il-verbal: “Peress li x-xhud jinsab imsiefer, il-kawza giet differita ghal-14 ta’ Gunju 2002 fl-12.00 pm.”[2] Di fatt dan ix-xhud xehed fl-udjenza sussegwenti li nzammet xahar wara u cioe’ fil-14 ta’ Gunju 2002.

Mill-kwadru premess jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent fil-konfront tal-Qorti tal-Magistrati relattivament ghax-xhud Imhallef Gino Camilleri huwa manifestament infondat. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-rikorrent serjament jista’ jsostni vjolazzjoni tal-artikoli precitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti tosserva li sa dan l-istadju ma jistax serjament u validament jinghad li-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati twalu b’ mod irragjonevoli. It-tul tad-differimenti kien ta’ xahar, u xi drabi anke iqsar. Wisq anqas ma jista jinghad li b’ xi mod gie menomat id-dritt tar-rikorrent li jtella’ xhieda u jikkontro-ezamina x-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni f’ dan il-kaz. Wara kollox, fl-14 ta’ Gunju

---

[1] Ma jirrizulta mill-verbali jekk dana kienx debitament ingunt.
[2] Fol.35

2002, il-Qorti tal-Magistrati kienet ghada qegheda tisma l-provi tal-Prosekuzzjoni li ghandha d-dritt fil-kawza kriminali tirregola l-provi taghha.

Huwa sinifikanti, u wkoll preokkupanti, l-fatt kif, wara li xehed l-Imhallef Gino Camilleri, ghalkemm inzammu ghaxar seduti ghas-smigh tal-kaz, jidher li ma sar ebda progress fil-kawza: fatt, dan, li huwa attribwibbli ghad-difiza.

Minn dawn l-ghaxar seduti li nzammu, tnejn minnhom biss thassru minn naha tal-Prosekuzzjoni, it-tmein [8] tas-seduti l-ohra ma sarux minhabba ragunijiet imputabbli lid-difisa. Ghandu jinghad wkoll li mill-verbali jidher li l-imputat ma deherx fl-udjenzi tat-28 u 31 ta' Jannar 2003 u tal-5 u 7 ta' Frar 2003, u fis-seduta tal-5 ta' Frar il-Prosekuzzjoni nformat il-Qorti "li l-imputat ma jistax jigi rintraccjat"[3]

Fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2003 r-rikorrent informa lill-Qorti tal-Magistrati bil-proceduri kostituzzjoni u pprezenta kopja tar-rikors odjern. B' hekk il-proceduri kriminali gew sospizi.[4]

Mill-premess jidher car li l-ghaggla kollha li r-rikorrent sostna, jew ahjar, ippretenda li kellu sabiex jigu konkluzi l-proceduri penali marritlu. Kif fuq indikat, wara l-udjenza tal-14 ta' Gunju 2002 li fiha xehed l-Imhallef Dr.Gino Camilleri, il-process ittawwal inutilment minhabba ostakoli minn naha tad-difiza, fosthom l-assenza tal-imputat ghal hames udjenzi.

Ghaxar xhur wara dik id-data, u nonostante li l-process kriminali waqaf ghar-ragunijiet attribwibbli lilu, huwa hass u kellu l-wicc li jipprezenta r-rikors odjern fejn ilmenta minhabba nuqqas ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli minhabba li fl-udjenza tal-14 ta' Mejju 2002 l-Imhallef Camilleri ma telax jixhed.

---

[3] Fol.57
[4] Vide Deposizzjoni Salvatore Grech 23 Jannar 2004 – Fol.73

In vista tal-premess jirrizulta car u manifest li l-ilmenti tal-rikorrent huma ngustifikati u nfondati u ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu, la that l-Art.39 [1] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas that l-Art.6[3][d] tal-Kap.319. Fic-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti hija konvinta li dawn il-proceduri istitwiti minnu huma frivoli u vessatorji u saru bi skop uniku li jipprova jgib fix-xejn il-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu.

Ghaldaqstant tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kollha a kariku tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------